C/2024/7483

17.12.2024

Avviż għall-attenzjoni ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

(C/2024/7483)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tas-Sur Viktor Ivanovych Ratushniak, is-Sur Vitalii Yuriyovych Zakharchenko u s-Sur Serhiy Vitalyovych Kurchenko, persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK [1] u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 [2] dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna.

Il-Kunsill irċieva informazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni li ser titqies fil-qafas tar-rieżami annwali tal-miżuri restrittivi. Il-persuni msemmija hawn fuq huma b'dan infurmati li jistgħu jibagħtu talba lill-Kunsill biex jiksbu l-elementi li l-Kunsill għandu fil-fajl tiegħu fir-rigward tad-dežinjazzjoni tagħhom, qabel l-4 ta' Jannar 2025, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

F'dan ir-rigward, l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati tingħibed għar-rieżami regolari mill-Kunsill tal-lista ta' persuni ddežinjati fid-Deċiżjoni 2014/119/PESK u r-Regolament (UE) Nru 208/2014.

[1] ĠU L 66, 6.3.2014, p. 26.
[2] ĠU L 66, 6.3.2014, p. 1.